



Brussell, 23 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9364/22

CYBER 183	EUMC 170
COPEN 202	IPCR 54
COPS 228	HYBRID 46
COSI 142	DISINFO 45
DATAPROTECT 166	COTER 126
IND 189	CSDP/PSDC 304
JAI 698	CFSP/PESC 685
JAIEX 57	CIVCOM 93
POLMIL 120	RECH 262
RELEX 681	PROCIV 65
TELECOM 237	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	23 ta' Mejju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea - konklużjonijiet tal-Kunsill approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Mejju 2022

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Mejju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar:

- il-Komunikazzjoni Konġunta tal-25 ta' Ġunju 2013 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: "Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur"¹
- il-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiza²,
- il-Governanza tal-Internet³,
- iċ-Ċiberdiplomazija⁴
- it-Tisħiħ tar-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u t-Trawwim ta' Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva⁵
- il-Komunikazzjoni Konġunta tal-20 ta' Novembru 2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE"⁶
- il-Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitàjiet Ċibernetiċi Malizzjużi ("Għodda tad-Diplomazija Diġitali")⁷,
- ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira⁸,
- il-Linji Gwida dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Ċibernetiċi Esterni tal-UE⁹,
- id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi¹⁰,

¹ 12109/13

² 15585/14.

³ 16200/14.

⁴ 6122/15 + COR 1.

⁵ 14540/16.

⁶ 14435/17 + COR 1.

⁷ 10474/17.

⁸ 10086/18.

⁹ 10496/18.

- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE¹¹,
- is-sinifikat tal-5G għall-Ekonomija Ewropea u l-hteġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G¹²
- il-futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali"¹³,
- sforzi komplementari għat-Tisħiħ tar-Reżiljenza u l-Ġlieda kontra t-Theddid Ibridu¹⁴,
- it-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa¹⁵,
- iċ-ċibersigurtà ta' apparati konnessi¹⁶
- l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali¹⁷
- is-Sigurtà u d-Difiza¹⁸,
- l-esplorazzjoni tal-potenzjal tal-inizjattiva Ċiberunità Konġunta - nikkomplementaw ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet ta' Ċibersigurtà fuq Skala Kbira¹⁹,
- Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali²⁰,

¹⁰ ĠU L 320, 17.12.2018, p. 28–34.

¹¹ 7737/19.

¹² 14517/19.

¹³ 9596/19.

¹⁴ 14972/19.

¹⁵ 8711/20.

¹⁶ 13629/20

¹⁷ 7290/21.

¹⁸ 8396/21.

¹⁹ 13048/21.

²⁰ 7371/22.

1. JENFASIZZA li l-imġiba malizzjuża fiċ-ċiberspazju, li ġejja kemm minn atturi statali kif ukoll minn atturi mhux statali, intensifikat f'dawn l-aħħar snin, inkluż żieda qawwija u kostanti f'attivitajiet malizzjużi mmirati lejn l-infrastruttura kritika, il-ktajjen tal-provvista u l-proprjetà intellettuali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, ir-riskju akbar ta' effetti kollaterali kif ukoll żieda fl-attakki ta' ransomware kontra n-negozji, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħna. JINNOTA li bir-ritorn tal-politika tal-poter, xi pajjiżi qed jippruvaw dejjem aktar jisfidaw u jimminaw l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli fiċ-ċiberspazju, billi jbiddu ċ-ċibersfera, flimkien mal-ibħra internazzjonali, l-arja u l-ispazju ekstratmosferiku, f'qasam dejjem aktar ikkontestat. JIRRIKONOXXI li ċ-ċiberattakki fuq skala kbira jew it-tentattivi ta' intrużjoni, tfixkil jew distruzzjoni tas-sistemi tan-networks u tal-informazzjoni li jikkawżaw effetti sistemiċi, saru aktar komuni, jistgħu jimminaw is-sigurtà ekonomika tagħna u jaffettwaw l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi tagħna, u juru r-rieda ta' xi atturi li jirriskjaw is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali. JISSOTTOLINJA li l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna wriet li ċiberattivitajiet offensivi jistgħu jitwettqu bħala parti integrali minn strateġiji ibridi li jikkombinaw l-intimidazzjoni, id-destabbilizzazzjoni u t-tfixkil ekonomiku.
2. ITENNI li meta niffaċċaw il-bidliet ġeopolitiċi attwali, is-saħħa tal-Unjoni tagħna tinsab fl-unità, is-solidarjetà u d-determinazzjoni, u li l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika ser issaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE u l-kapaċità tagħha li taħdem mas-sħab biex tissalvagwardja l-valuri u l-interessi tagħha, inkluż fil-qasam ċibernetiku. JISSOTTOLINJA li UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fis-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. JAFFERMA MILL-ĠDID l-intenzjoni tal-UE li ssaħħaħ l-appoġġ għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu.

3. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà u l-Boxxla Strateġika, ITENNI l-ħtieġa li tiġi żviluppata l-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni billi tissaħħaħ il-kapaċità tagħna li nipprevjenu ċiberattakki permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, it-taħriġ, l-eżerċizzji, ir-reżiljenza msaħħa u billi nirreaġixxu b'mod sod għal ċiberattakki kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha bl-użu tal-għodod kollha disponibbli tal-UE. Dan jinkludi t-turiġa ulterjuri tad-determinazzjoni tal-UE li tipprovdi risponsi immedjati u fit-tul lill-awturi ta' theddida li jfittxu li jiċħdu l-aċċess sigur u miftuħ tagħna għaċ-ċiberspazju u jaffettwaw l-interessi strateġiċi tagħna, inkluż is-sigurtà tas-sħab tagħna. F'dak il-kuntest, JENFASIZZA li l-pożizzjoni ċibernetika għandha l-għan li tgħaqqad id-diversi inizjattivi li jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-UE li jikkonsolidaw il-paċi u l-istabbiltà fiċ-ċiberspazju u favur ċiberspazju miftuħ, liberu, globali, stabbli u sigur, filwaqt li tikkoordina aħjar l-azzjonijiet għall-perjodu qasir, medju u fit-tul għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment, t-tfixkil u r-rispons għal ċibertheddud u ċiberattakki u tisfrutta ċ-ċiberkapaċitajiet. JENFASIZZA li dawn l-elementi għandhom jiġu inkorporati fil-pożizzjoni ċibernetika tal-UE, skont ħames funzjonijiet tal-UE fil-qasam ċibernetiku: insaħħu ċ-ċiberreżiljenza tagħna u ċ-ċiberkapaċitajiet tagħna li nipproteġu; intejbu l-maniġġar ta' kriżijiet solidali u komprensiv; nippromwovu l-viżjoni tagħna taċ-ċiberspazju; insaħħu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali; nipprevjenu ċ-ċiberattakki, niddefendu kontribom u nirrispondu għalihom.

**I. INSAĦĦU Ċ-ĊIBERREŻILJENZA TAGĦNA U Ċ-ĊIBERKAPAĊITAJIET
TAGĦNA LI NIPPROTEĠU**

4. ITENNI l-ħtieġa li jizzied il-livell ġenerali ta' ċibersigurtà tal-UE, JISTENNA B'INTERESS l-adozzjoni rapida tal-abbozz ta' Direttiva dwar miżuri biex jinkiseb livell komuni għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (NIS), l-abbozz ta' Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (DORA), l-abbozz ta' Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (CER) u JIEĦU NOTA tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi miżuri dwar livell għoli ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, sabiex titrawwem Unjoni Ewropea li tipproteġi ċ-ċittadini, is-servizzi pubbliċi u n-negozji tagħha fiċ-ċiberspazju. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni tiffinalizza l-adozzjoni ta' proposti ewlenin biex tiżgura s-sigurtà tal-infrastrutturi, it-teknoloġiji, il-prodotti u s-servizzi diġitali, sabiex tibgħat sinjal ċar dwar l-ambizzjonijiet tal-UE dwar dawn is-suġġetti u biex tippermetti appoġġ għall-kumpanniji sabiex jilqgħu l-isfida. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi rekwiżiti komuni tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà għal apparati konnessi u proċessi u servizzi assoċjati permezz tal-Att dwar iċ-Ċiberreżiljenza, li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni qabel it-tmiem tal-2022, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal approċċ orizzontali u olistiku li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodotti diġitali, kif ukoll ir-regolamentazzjoni eżistenti, speċjalment fil-qasam ta' ċibersigurtà.
5. JISTIEDEN lill-awtoritajiet rilevanti, bħall-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u l-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni (NIS), flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, biex jifformulaw rakkomandazzjonijiet, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju, għall-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tan-networks u l-infrastrutturi tal-komunikazzjoni fl-Unjoni Ewropea, inkluż l-implimentazzjoni kontinwa tas-Sett ta' Għodod tal-UE tal-5G.

6. JAPPELLA lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-isforzi biex jiżdied il-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà, pereżempju billi jiġi ffaċilitat il-feġġ ta' fornituri fdati ta' servizzi taċ-ċibersigurtà, u JENFASIZZA li l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' tali fornituri għandu jkun prijorità għall-politika industrijali tal-UE fil-qasam taċ-ċibersigurtà. Sabiex iċ-ċiberattakki b'effetti potenzjalment sistemiċi jiġu indirizzati u miġġielda aħjar u abbażi tat-tagħlimiet dwar it-trattament tal-vulnerabbiltajiet ta' Solarwinds, Microsoft Exchange u Apache Log4J, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi għażliet biex tinkoraġġixxi l-feġġ ta' industrija affidabbli ta' servizzi taċ-ċibersigurtà, biex issaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT, biex tindirizza l-effetti potenzjali ta' vulnerabbiltajiet tas-software għall-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż fid-dawl tal-Att dwar iċ-Ċiberreżiljenza li jmiss, u biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' detezzjoni u kondivizzjoni ta' ċibertheddud fl-Istati Membri u bejniethom.
7. FILWAQT LI JTENNI li l-investiment fl-innovazzjoni u l-użu aħjar ta' teknoloġija ċivili huma kruċjali għat-tisħiħ tas-sovranià teknoloġika tagħna, inkluż fil-qasam ċibernetiku, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex toperazzjonalizza malajr iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà sabiex tiġi żviluppata ekosistema Ewropea b'saħħitha fl-oqsma taċ-ċiberriċerka, tal-industrija u tat-teknoloġija, JISSOTTOLINJA l-hteġa li tingħata spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, isir aktar investiment f'oqsma ċivili u ta' difiża biex tissaħħaħ il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-UE (EDTIB) u jiġu żviluppati ċ-ċiberkapaċitajiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha, inkluż kapaċitajiet ta' appoġġ strateġiku. JENFASIZZA l-importanza li jsir użu intensiv minn teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari l-computing kwantistiku, l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Big Data, biex jinkisbu vantaġġi komparattivi, inkluż f'termini ta' ċiberoperazzjonijiet reattivi.

8. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li t-tisħiħ taċ-ċibersigurtà tagħna huwa mod kif inżidu l-effettività u s-sigurtà tal-isforzi tagħna fuq l-art, fl-ajru, fil-baħar u fl-ispazju ekstratmosferiku, JENFASIZZA l-importanza tal-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet taċ-ċibersigurtà fil-politiki pubbliċi kollha tal-UE, inkluż il-leġiżlazzjoni settorjali li tikkomplementa d-Direttiva NIS 2, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora għażliet biex tiżdied ċibersigurtà tul il-katina tal-provvista kollha tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-UE (EDTIB).
9. JIRRIKONOXXI li l-iżgurar ta' riżorsi finanzjarji u umani adegwati għaċ-ċibersigurtà u miżuri li għandhom l-għan li joħlqu ambjent favorevoli biex is-settur privat ikun kompetittiv huma essenzjali biex tiġi żviluppata l-pożizzjoni ċibernetika tal-UE u li l-kwistjoni ta' finanzjament stabbli u fit-tul taċ-ċibersigurtà għandha tiġi indirizzata wkoll fil-livell tal-UE billi jitfassal u jiġi implimentat mekkaniżmu orizzontali li jikkombina sorsi multipli ta' finanzjament, inkluż l-ispiża ta' riżorsi umani bi kwalifiki għoljin. Għalhekk, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora għażliet għal tali mekkaniżmu qabel tmiem l-2022, li għandhom jiġu diskussi fil-korpi rilevanti tal-Kunsill.
10. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu msaħħa l-isforzi tagħna u tiżdied il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità internazzjonali, b'mod partikolari r-ransomware, permezz tal-mekkaniżmu EMPACT (Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali), permezz ta' skambji bejn is-setturi taċ-ċibersigurtà, tal-infurzar tal-liġi u dawk diplomatiċi, u permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità. ITENNI l-impenn tiegħu li jinforma lill-pubbliku dwar iċ-ċibertheddid u l-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali u dak tal-UE kontra dan it-theddid bl-involvement tas-soċjetà ċivili, is-settur privat, u l-akkademja, bil-ħsieb li titqajjem kuxjenza u jithegħgeġ livell xieraq ta' čiberprotezzjoni u ċiberiġjene. JENFASIZZA l-ħtieġa li ssir enfasi fuq il-ħiliet u l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà taċ-ċittadini fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri u l-ħtieġa li l-utenti jiġu involuti b'mod attiv fil-protezzjoni tagħhom stess.

II. INTEJBU L-MANIĠĠAR TA' KRIŻIJET SOLIDALI U KOMPENSIV

11. Abbażi taċ-ċibereżerċizzji annwali, eżerċizzji oħra li jinvolvu dimensjoni ċibernetika, u l-eżerċizzju taċ-ċikli tal-EU CyCLES tal-2022, JENFASIZZA l-importanza li jiġi stabbilit programm ta' ċibereżerċizzji regolari transkomunitarji u f'diversi livelli sabiex jiġi ttestjat u żviluppat ir-rispons intern u estern tal-UE għal ċiberinċidenti fuq skala kbira, bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill, is-SEAE, il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-ENISA u s-settur privat, u li ser jiġi artikolat u jikkontribwixxi għall-politika ġenerali tal-UE dwar l-eżerċizzji. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żviluppati aktar l-eżerċizzji Ewropa ċibernetika u BlueOLEx, li jikkombinaw rispons f'livelli differenti. JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa li jiġu evalwati u kkonsolidati l-eżerċizzji eżistenti u li tiġi esplorata l-possibbiltà ta' aktar eżerċizzji dwar segmenti speċifiċi tal-qasam ċibernetiku, b'mod partikolari eżerċizzju militari tas-CERT u eżerċizzju li jiffoka fuq il-kooperazzjoni f'każ ta' kriżi fost l-EUIBAs. JIRRIKONNOXXI li l-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni ser issaħħaħ il-kapaċità tagħna li nipprevjenu ċiberattakki permezz ta' diversi azzjonijiet inkluż it-taħriġ u b'hekk JISTIEDEN lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni ċivili-militari fiċ-ċibertahriġ u eżerċizzji konġunti.

12. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jkomplu jiġu ttestjati u msaħħa l-kooperazzjoni operazzjonali u l-għarfien kondiviż tas-sitwazzjoni fost l-Istati Membri, inkluż permezz ta' networks stabbiliti bħan-Network ta' CSIRTs u n-Network ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Ċiberkriżijiet (EU CyCLONe) sabiex isir progress fit-tnejja tal-UE biex jiġu ffaċċati ċiberinċidenti fuq skala kbira. JISSOTTOLINJA l-importanza li ssir ħidma fuq l-iżvilupp ta' lingwaġġ komuni fost l-Istati Membri u mal-EUIBAs, li jitfassal għal diskussjoni fil-livell politiku, biex jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' valutazzjoni konsolidata tas-severità u l-impatt ta' ċiberinċidenti rilevanti kif ukoll xenarji ta' evoluzzjoni possibbli u l-ħtiġijiet li jirriżultaw minnhom kif adatt. JISSOTTOLINJA f'dak ir-rigward il-ħtieġa li tittejjeb il-komplementarjetà ta' rapporti ta' valutazzjoni kondiviża tas-sitwazzjoni, inkluż ir-rapporti tal-EU CyCLONe dwar l-impatt u s-severità ta' ċiberinċidenti fuq skala kbira madwar l-Istati Membri tal-UE u valutazzjonijiet tat-theddid ipprovduti mill-INTCEN tal-UE fil-qafas tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, f'koordinazzjoni mal-korpi u l-aġenziji ċivili u militari rilevanti u networks stabbiliti, inkluż l-EU CyCLONe, biex sa tmiem l-2022 iwettqu evalwazzjoni tar-riskju u jibnu xenarji ta' riskju minn perspettiva taċ-ċibersigurtà f'sitwazzjoni ta' theddid jew attakk possibbli kontra Stati Membri jew pajjiżi sħab u jippreżentawhom lill-korpi rilevanti tal-Kunsill. JENFASIZZA l-ħtieġa għal komunikazzjoni pubblika adatta u kkoordinata dwar ir-rispons tal-UE għal ċiberinċidenti fuq skala kbira.

13. Fil-każ ta' ċiberinċident fuq skala kbira, JENFASIZZA l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koordinazzjoni u, fejn ikun adatt, ibbażat fuq il-progress miksub u l-ħidma mwettqa mit-Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku tal-PESCO u fuq il-ħidma tan-Network ta' CSIRTs u l-EU CyCLONe, jissaħħaħ ukoll l-akkomunament volontarju tal-kapaċitajiet tagħna ta' rispons għal inċidenti fost l-Istati Membri. JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp ta' rabtiet mas-settur privat jista' jkun amplifikatur tal-kapaċitajiet pubbliċi, b'mod partikolari f'kuntest ta' skarsezzi ta' ħiliet madwar l-UE, u li l-identifikazzjoni u l-koordinazzjoni ta' dawn is-sħab privati jistgħu jagħmlu differenza f'każ ta' inċidenti fuq skala kbira. Bi tħejjija b'mod sħiħ biex jiġu ffaċċati ċiberinċidenti fuq skala kbira, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta dwar Fond ġdid għar-Rispons ta' Emerġenza għaċ-Ċibersigurtà sa tmiem it-tielet kwart tal-2022.
14. Bi qbil mal-Boxxla Strateġika, ITENNI l-ħtieġa ta' investiment fl-assistenza reċiproka tagħna skont l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll fis-solidarjetà skont l-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari permezz ta' eżerċizzji frekwenti. F'dan il-qafas, JENFASIZZA l-ħtieġa għal aktar ħidma fuq il-forniment u l-koordinazzjoni ta' appoġġ bilaterali ċivili u/jew militari, inkluż billi jiġi esplorat appoġġ possibbli pprovdut mill-UE fuq talba espliċita mill-Istati Membri, u fuq l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' rispons adatti, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni kkoordinata, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 42(7). JINNOTA li dan għandu jinkludi wkoll l-esplorazzjoni tar-rabtiet mal-mekkaniżmi eżistenti tal-UE għall-maniġġar tal-kriżijiet u l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.
15. JISSOTTOLINJA li pożizzjoni ċibernetika msaħħa tal-UE ser tkun teħtieġ komunikazzjoni sigura mtejba. Għal dan il-għan, ITENNI l-orjentazzjonijiet mogħtija mill-Boxxla Strateġika f'dak ir-rigward u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet, korpi u aġenziji rilevanti oħra biex sa tmiem l-2022 iwettqu mappa tal-għodod eżistenti għal komunikazzjoni sigura fil-qasam ċibernetiku li għandhom jiġu diskussi fil-korpi rilevanti tal-Kunsill u mal-gruppi ta' kooperazzjoni rilevanti, bħan-Network ta' CSIRTs u l-EU CyCLONe.

III. NIPPROMWOVU L-VIŻJONI TAGĦNA TAĊ-ĊIBERSPAZJU

16. IFAKKAR li l-approċċ komuni u komprensiv tal-UE lejn iċ-ċiberdiplomazija għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-konflitti, il-mitigazzjoni tat-theddid għaċ-ċibersigurtà u stabbiltà akbar fir-relazzjonijiet internazzjonali. F'dan il-kuntest, JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE għas-soluzzjoni ta' tilwim internazzjonali fiċ-ċiberspazju b'mezzi paċifiċi u l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali, inkluż id-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali, għall-azzjonijiet tal-Istati fiċ-ċiberspazju. JISSOTTOLINJA l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu f'konformità man-normi volontarji u mhux vinkolanti ta' mġiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju maqbula mill-Istati Membri kollha tan-NU. JENFASIZZA l-importanza ta' ċiberspazju miftuħ, liberu, globali, stabbli u sigur fejn id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt japplikaw bis-sħiħ b'appoġġ għall-benesseri soċjali, it-tkabbir ekonomiku, il-prosperità u l-integrità tas-soċjetajiet ħielsa u demokratiċi tagħna u JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jippromwovu daww il-valuri u l-prinċipji. Bil-ħsieb li jiġu żviluppati mezzi ta' djalogu kostruttiv, sinċier u miftuħ mal-partijiet ikkonċernati ewlenin taċ-ċiberspazju, JENFASIZZA l-importanza li l-kwistjonijiet ċibernetiċi, inkluż is-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE, isiru parti integrali min-negozjati għall-adeżjoni mal-Unjoni u mid-djalogi strateġiċi u politiċi tal-UE mas-sħab kif ukoll il-kompetituri internazzjonali, u fl-istess ħin JAPPELLA lir-Rappreżentant Għoli biex jirrevedi d-djalogi ċibernetiċi bilaterali eżistenti u, jekk meħtieġ, jipproponi li tinbeda kooperazzjoni simili ma' aktar pajjiżi jew organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

17. IFAKKAR fl-importanza tal-kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati peress li partijiet ikkonċernati oħra wkoll għandhom responsabbiltà għaċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari fejn tidħol l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet meħuda fil-fora internazzjonali u reġjonali. JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jippromwovu aktar il-mudell tagħna taċ-ċiberspazju u l-internet ibbażat fuq l-approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati u permezz ta' inizjattivi bħall-Appell ta' Pariġi għall-fiduċja u s-sigurtà fiċ-ċiberspazju u d-Dikjarazzjoni dwar il-Futur tal-Internet, li jenfasizza l-benefiċċji komuni tal-istabbiltà fiċ-ċiberspazju, u jqajjem kuxjenza globalment dwar il-perikli ta' viżjoni tal-internet li tkun awtoritarja u kkontrollata mill-Istat, u JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni mal-komunità tal-partijiet ikkonċernati, inkluż bl-użu ta' proġetti rilevanti bħall-Inizjattiva ta' Ċiberdiplomazija tal-UE fil-qafas tal-Istrument ta' Politika Barranija tal-UE.
18. JIMPENJA ruħu favur involviment kontinwu fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti speċjalment fil-proċessi relatati mal-Ewwel u t-Tielet Kumitat tan-NU, waqt li jenfasizza li d-dritt internazzjonali eżistenti japplika, bla riżerva, fiċ-ċiberspazju u fir-rigward tiegħu. JENFASIZZA l-importanza ta' sforzi kontinwi biex ikun sostnut u promoss il-Qafas tan-NU għal imġiba responsabbli tal-Istati, u JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jaħdmu b'mod attiv għat-tisħiħ tal-implimentazzjoni tiegħu, inkluż permezz tal-istabbiliment tal-Programm ta' Azzjoni għall-avvanz ta' mġiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimpenjaw ruħhom b'mod attiv fin-negozjati għal Konvenzjoni futura tan-NU biex isservi bħala strument effettiv għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u daww għidizzjarji fil-għlied globali kontra ċ-ċiberkriminalità, b'kont sħiħ meħud tal-qafas eżistenti ta' strumenti internazzjonali u reġjonali f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità. JISĦAQ fuq l-importanza ta' aktar appoġġ għall-iżvilupp u l-operazzjonalizzazzjoni ta' miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja (CBMs) fil-livell reġjonali u internazzjonali, u li jitħeġġeġ aktar l-użu tas-CBMs ċibernetiċi eżistenti fl-OSKE, inkluż fi żminijiet ta' tensjonijiet internazzjonali.

19. IFAKKAR li t-teħid ta' approċċ proattiv ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem biex jiġu żgurati standards internazzjonali fl-oqsma tat-teknoloġiji emerġenti u l-arkitettura ċentrali tal-internet skont il-valuri u l-prinċipji demokratiċi huwa essenzjali biex jiżgura li l-internet jibqa' globali, mhux frammentat kif ukoll miftuħ, u JAPPOĠĠA l-prinċipju li l-użu u l-iżvilupp tat-teknoloġiji jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, jiffukaw fuq il-privatezza, u li l-użu tagħhom ikun legali, sikur u etiku. IĦEĠĠEĠ lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw viżjoni strateġika dwar il-kwistjonijiet tekniċi fil-qasam diġitali li għandhom implikazzjonijiet għall-politika barranija u jista' jkollhom impatt fuq l-istabbiltà taċ-ċiberspazju u l-internet b'mod partikolari, inkluż fl-organizzazzjonijiet internazzjonali speċjalizzati rilevanti (Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni eċċ.).

IV. INSAĦĦU L-KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI SĦAB U ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

20. JENFASIZZA l-hteġa li l-istrateġija tal-UE għat-tisħiħ taċ-ċiberkapacià tkun marbuta aħjar man-normi tan-NU għall-imġiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju, inkluż bl-iżvilupp ta' programmi ta' kooperazzjoni u bini tal-kapacià mfassla individwalment biex jappoġġaw lil Stati terzi fl-isforzi tagħhom ta' implimentazzjoni, u b'hekk inkomplu u nespandu l-isforzi tagħna biex nippromwovu l-Programm ta' Azzjoni tan-NU biex tissaħħaħ l-imġiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju. JENFASIZZA l-importanza tal-integrazzjoni sħiħa tal-bini taċ-ċiberkapacià bħala parti mill-offerta tal-UE li tkun fornitur tas-sigurtà, b'koordinazzjoni adegwata tal-isforzi bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, u, b'mod partikolari, JILQA' l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, kif ukoll ma' sħab mis-settur pubbliku u s-settur privat, b'mod partikolari permezz tal-EU CyberNet (in-network tal-UE għat-tisħiħ taċ-ċiberkapacià) u l-Forum Globali ta' Kompetenza Esperta Ċibernetika (GFCE), li tiżgura l-koordinazzjoni u tevita d-duplikazzjoni.

JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu *Bord għat-tisħiħ taċ-ċiberkapacià* sat-tielet kwart tal-2022 u jorganizzaw skambji regolari fil-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex ikomplu jimmobilizzaw l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u għodod finanzjarji oħra, bħall-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) u l-Inizjattiva Global Gateway, biex jappoġġaw it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sħab tagħna, il-

kapacià tagħhom li jidentifikaw u jindirizzaw ċibertheddid u li jinvestigaw u jħarrku atti ta' ċiberkriminalità, u l-iżvilupp ta' proġetti ta' kooperazzjoni, inkluż fil-kuntest ta' kriżi, u, b'mod partikolari, JINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni mas-sħab fil-Balkani tal-Punent u fil-Viċinat tal-Lvant u n-Nofsinhar tal-UE, u l-istazzjonament ta' esperti tal-UE u tal-Istati Membri biex joffru appoġġ fi kriżijiet ċibernetiċi, filwaqt li jqisu l-mandati legali eżistenti.

21. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi għall-iżvilupp ta' approċċ strutturat u miftuħ tal-UE ta' sensibilizzazzjoni dwar kif issir promozzjoni ta' fehim komuni globali tal-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fiċ-ċiberspazju, il-qafas tan-NU ta' mgħiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju, inkluż l-inizjattiva għal Programm ta' Azzjoni biex tissaħħa l-imgħiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju, kif ukoll dwar il-pożizzjoni tal-UE u l-Istati Membri tagħha fin-negozjati li għaddejjin għal Konvenzjoni tan-NU dwar iċ-Ċiberkriminalità, u bħala parti minn dawn l-isforzi JITLOB lir-Rappreżentant Għoli biex sa tmiem l-2022 jippreżenta pjan ta' sensibilizzazzjoni lill-Kunsill. IĦEĠĠEĠ lir-Rappreżentant Għoli u lis-servizzi tal-Kummissjoni biex jagħmlu użu sħiħ u sistematiku mill-145 Delegazzjoni u jiżviluppaw kollaborazzjoni regolari u produttiva bejnhom u l-Ambaxxati tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi, taħt l-awspiċji tan-Network taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE li huwa previst. JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli biex jistabbilixxi n-Network taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE sat-tielet kwart tal-2022, li jikkontribwixxi għall-iskambju ta' informazzjoni, attivitajiet ta' taħriġ konġunti għall-persunal tal-UE u tal-Istati Membri, sforzi koerenti għall-bini tal-kapacià u tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-qafas tan-NU għal imgħiba responsabbli tal-Istati kif ukoll għal miżuri ta' tisħiħ tal-fiduċja bejn l-Istati.

22. JENFASIZZA l-impenn tiegħu li jkompli jikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi sħab biex isaħħaħ il-fehim komuni tax-xenarju taċ-ċibertheddid, jiżviluppa mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u jidentifika risposti diplomatiċi kooperattivi b'mod proattiv. FILWAQT LI JFAKKAR fil-kisbiet ewlenin tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-qasam taċ-ċibersigurtà fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti ta' Varsavja tal-2016 u ta' Brussell tal-2018, b'rispett sħiħ tal-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet u abbażi tal-prinċipji tat-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività, JENFASIZZA l-ħtieġa li tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni ċibernetika man-NATO permezz ta' eżerċizzji, kondiviżjoni ta' informazzjoni u skambji bejn l-esperti, inkluż dwar l-iżvilupp tal-mezzi, it-tisħiħ tal-kapaċità għas-sħab, u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet, kif ukoll dwar l-applikabbiltà tad-dritt internazzjonali u n-normi tan-NU ta' mgħiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju, u reazzjonijiet koordinati possibbli għal ċiberattivajiet malizzjużi.

V. NIPPREVJENU Ċ-ĊIBERATTAKKI, NIDDEFENDU KONTRIOM U NIRRISPONDU GHALIOM

23. JAGĦRAF li ċ-ċiberspazju sar arena għall-kompetizzjoni ġeopolitika u għalhekk ITENNI li l-UE trid tkun kapaċi tirrispondi malajr u bis-saħħa għal ċiberattakki, bħal pereżempju ċiberattivajiet malizzjużi appoġġati minn Stat li jkollhom fil-mira l-UE u l-Istati Membri tagħha u għalhekk għandha bżonn issaħħaħ is-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE u tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti kollha tagħha, inkluż l-għodod ta' komunikazzjoni politiċi, ekonomiċi, diplomatiċi, legali u strateġiċi disponibbli biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi, trażżan u tirreaġixxi għal attivajiet ċibernetiċi malizzjużi. JISSOTTOLINJA li l-atturi ostili jeħtieġ li jkunu konxji li ċiberattakki kontra l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE ser jinqabdu kmieni, jiġu identifikati fil-pront u jiġu miġġielda bl-għodod u l-politiki kollha meħtieġa. Filwaqt li jislet b'mod partikolari mill-elementi li jinsabu fil-pożizzjoni ċibernetika kif ukoll mit-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija sa mill-bidu tiegħu u mill-eżerċizzju EU CyCLES, JISTIEDEN lill-Istati Membri u lir-Rappreżentant Għoli biex, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jaħdmu għal verżjoni riveduta tal-linji gwida ta' implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE sa tmiem l-ewwel kwart tal-2023, b'mod partikolari billi jesploraw miżuri addizzjoni ta' reazzjoni.

24. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jsiru skambji regolari dwar ix-xenarju taċ-ċibertheddid fil-korpi u l-kumitati rilevanti tal-Kunsill, filwaqt li jkun hemm involviment regolari mas-settur privat u abbażi tal-valutazzjoni dwar l-impatt u l-gravità ta' inċidenti reċenti, biex jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u t-tħejjija ġenerali għal applikazzjonijiet ulterjuri tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE, u jiġu żviluppati aktar għodod biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tiegħu. Filwaqt li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru, JINNOTA l-ħtieġa li jissaħħu l-kondiviżjoni tal-intelligence u l-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-INTCEN tal-UE sabiex tkun tista' tiġi kondiviża l-intelligence fil-bidu tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż dwar il-kwistjoni tal-attribuzzjoni, u b'hekk tkun possibbli reazzjoni rapida effettiva u sostanzjata għal ċiberattivitajiet malizzjużi li jimmiraw għall-UE u s-sħab tagħha. ITENNI l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċità tal-INTCEN tal-UE fil-qasam ċibernetiku, abbażi ta' kontributi volontarji ta' intelligence mill-Istati Membri u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom, u li tiġi esplorata l-proposta dwar l-istabbiliment possibbli ta' grupp ta' ħidma dwar l-intelligence ċibernetika tal-Istati Membri.
25. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li d-dikjarazzjonijiet u l-miżuri restrittivi tal-UE meħuda fil-qafas tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE bagħtu messaggġ qawwi li ċiberattivitajiet malizzjużi li huma ta' theddida esterna għall-UE, l-Istati Membri u s-sħab tagħha huma inaċċettabbli, u b'hekk qed jikkontribwixxu għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment, it-trażżin u r-reazzjoni għall-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, ITENNI l-impenn tiegħu li juża dawn il-miżuri bil-ħsieb li jiffakkru l-obbligi li japplikaw għaċ-ċiberspazju skont id-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU fl-intier tagħha, u li jippromwovi l-qafas tan-NU għal imġiba responsabbli tal-Istati fiċ-ċiberspazju, inkluż l-obbligu ta' diliġenza dovuta għall-Istati kollha li ma jippermettux b'mod konxju li t-territorju tagħhom jintuża għal atti illeċiti f'livell internazzjonali bl-użu tal-ICTs, bil-ħsieb tal-iżvilupp u l-promozzjoni ulterjuri tal-fehma komuni tal-UE dwar l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fiċ-ċiberspazju. Filwaqt li jinnota li messaggġi xierqa u rapidi jimmitigaw ir-riskju ta' eskalazzjoni u jistgħu jiskoraġġixxu lill-aggressuri li jimmiraw lejn l-interessi Ewropej, JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli biex jiżviluppa u jippreżenta lill-Istati Membri strateġija ta' komunikazzjoni koerenti dwar l-użu tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE.

26. IHEĠĠĠĠ l-iżvilupp ta' approċċi u reazzjonijiet gradwali, immirati u sostnuti kontra ċiberattivitajiet malizzjużi, li jużaw il-firxa wiesgħa ta' għodod ipprovduti mis-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija tal-UE, inkluż ir-reġim ta' sanzjonijiet ċibernetiċi tal-UE, u li jipprevedu miżuri addizzjonali. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiżdied il-possibbiltà li jiġu mobilizzati, skont il-każ individwali, l-għodod interni u esterni kollha disponibbli għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment, it-trażżin u r-reazzjoni għaċ-ċiberattakki, li jiġu implimentati b'mod rapidu, effettiv, gradwali, immirat u sostnut ibbażat fuq impenn strateġiku fit-tul. JISTIENEN lir-Rappreżentant Għoli biex, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jidentifika reazzjonijiet konġunti possibbli tal-UE għal ċiberattakki, inkluż l-opzjoni tas-sanzjonijiet, mifruxa mal-ispettru kollu sabiex tkun lesta tiegħu azzjoni rapida u effettiva meta jkun meħtieġ, u jippreżentahom lill-Kunsill sa tmiem l-ewwel kwart tal-2023.
27. Filwaqt li jinnota li ċ-ċiberdifiża hija primarjament responsabbiltà nazzjonali, IHEĠĠĠĠ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw aktar il-mezzi tagħhom stess biex iwettqu operazzjonijiet ta' ċiberdifiża, inkluż miżuri proattivi ta' protezzjoni, identifikazzjoni, difiża u deterrent kontra ċiberattakki, u possibbilment b'appoġġ għal Stati Membri oħra u l-UE. Kull Stat Membru huwa mħeġġeġ isahha, kif meħtieġ, il-mezzi tiegħu stess biex jipprovdi u jirċievi għajjnuna u assistenza. JENFASIZZA li l-iżvilupp ulterjuri ta' dawn il-mezzi għandu jkun wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża fil-futur qarib. JINNOTA li l-Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża għandha tqis aktar ir-rwol li jista' jkollhom l-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-UE biex iżidu l-kooperazzjoni fost l-atturi rilevanti tal-UE u tal-Istati Membri fiċ-ċiberdifiża u jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom stess, skont il-mandati rispettivi tagħhom. JISTIENEN lir-Rappreżentant Għoli biex, flimkien mal-Kummissjoni, jikkomplementa l-iżvilupp ta' pożizzjoni ċibernetika tal-UE billi jressaq proposta ambizzjuża għal Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża fl-2022, li ser twitti t-triq għal aktar żvilupp mill-Kunsill tal-pożizzjoni ċibernetika tal-UE.

28. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiżdiedu l-interoperabbiltà u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz ta' kooperazzjoni bejn l-iskwadri militari ta' rispons f'emerġenza relatata mal-kompjuters (milCERT). JISTIEDEN lill-Istati Membri biex joħolqu, abbażi tal-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, network tal-milCERT għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, li jgħin ukoll biex jippromwovi l-koordinazzjoni ma' komunitajiet ċibernetiċi oħra, kif ukoll network ta' ċiberkmandanti militari sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni strateġika bejn iċ-ċiberkmandi jew awtoritajiet korrispondenti oħra tal-Istati Membri tal-UE. It-twaqqif ta' dawn in-networks, flimkien ma' proġetti ċibernetiċi tal-PESCO, jikkontribwixxi għal ċiberdifiża msaħħa fil-livell tal-UE. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni bejn in-network propost tal-milCERT man-network ċivili (CSIRTs) diġà eżistenti biex tissaħħaħ il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u jittejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni.
29. Abbażi tal-Viżjoni u l-Istrateġija Militari tal-UE dwar iċ-Ċiberspazju bħala Qasam tal-Operazzjonijiet u b'kont meħud tal-iżvilupp li qed iseħħ tal-Kunċett militari dwar iċ-Ċiberdifiża għal operazzjonijiet u missjonijiet militari mmexxija mill-UE, ITENNI l-ħtieġa li d-dimensjoni ċibernetika tiġi integrata fl-ippjanar u t-tmexxija tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, inkluż billi jitjiebu l-mezzi ċibernetiċi tagħhom, u JENFASIZZA li dan ser jikkontribwixxi għal għarfien aħjar tas-sitwazzjoni ċibernetika fil-livell tal-UE.
30. Bħala konklużjoni, JINNOTA li l-pożizzjoni ċibernetika ser tkun pass lejn l-istabbiliment ta' duttrina tal-UE għall-azzjoni fiċ-ċiberspazju, ibbażata fuq reżiljenza, mezzi u opzjonijiet ta' reazzjoni msaħħa, kif ukoll pożizzjoni kondiviża dwar l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fiċ-ċiberspazju. Il-Kunsill SER JEVALWA l-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet fl-2023 biex jiżgura l-iżvilupp ulterjuri tal-pożizzjoni ċibernetika tal-UE.